V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## SEJĦA GĦALL-PROPOSTI – EAC/13/11

## In-Netwerk tal-Politiki Ewropej dwar l-Implimentazzjoni ta' Kompetenzi Ewlenin fl-Edukazzjoni Skolastika

(2011/C 180/15)

### 1. Għanijiet u deskrizzjoni

Il-mira ġenerali ta' din is-sejħa hija li jiġi stabbilit netwerk mifrux mal-Ewropa ta' organizzazzjonijiet relevanti fil-pajjiżi li jipparteċipaw fil-Programm ta' Tagħlim tul il-Ħajja. Il-mira ta' dan in-netwerk hija li tiġi żviluppata konsulenza politika għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-2006 dwar il-kompetenzi prinċipali għat-tagħlim tul il-ħajja fl-iskejjel. Huwa għandu jindirizza l-kwistjonijiet imqajma mill-Komunikazzjoni ta' Novembru 2009 "Kompetenzi Prinċipali għal Dinja li qed Tinbidel" [1] u jistimola livell għoli ta' kooperazzjoni bejn dawk li jfasslu l-politika responsabbli mill-oqsma essenzjali għall-iżvilupp tal-iskejjel fl-Istati Membri differenti.

Għalhekk, in-netwerk għandu jqarreb lil dawk l-organizzazzjonijiet, ir-riċerkaturi u l-gruppi ta' partijiet interessati, li l-interess u l-kompetenza tagħhom huma fl-iżvilupp ta' kurrikulu skolastiku, fl-edukazzjoni tal-għalliema, fl-evalwazzjoni u l-valutazzjoni, fl-appoġġ fit-tagħlim u fi kwalunkwe qasam ieħor li jitqies li huwa kruċjali għall-iżvilupp ta' politika koerenti għall-promozzjoni tal-kompetenzi prinċipali.

Dan in-netwerk għandu jeżamina u jressaq rakkomandazzjonijiet dwar liema politiki jistgħu jgħinu lill-iskejjel jiżguraw aħjar li l-istudenti kollha jiżviluppaw il-kompetenzi prinċipali kif inhuma stabbiliti mir-Rakkomandazzjoni li ssemmiet hawn fuq.

### 2. L-applikanti eliġibbli

Din is-Sejħa għall-Proposti hija miftuħa għall-ministeri tal-edukazzjoni u entitajiet pubbliċi oħrajn, bħal dawk responsabbli mill-kurrikulu, l-edukazzjoni tal-għalliema, l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni, iċ-ċentri ta' riċerka u l-universitajiet, il-fondazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet b'personalità ġuridika u uffiċċju rreġistrat f'wieħed mill-pajjiżi li jieħdu sehem fil-Programm ta' Tagħlim tul il-Ħajja [2].

### 3. Il-baġit u t-tul ta' żmien

Il-Ftehim Qafas se jdum mill-2012 sal-2014.

Il-baġit totali allokat għall-kofinanzjament ta' dan in-netwerk jammonta għal EUR 500 000 għall-2012. L-għajnuna finanzjarja mill-Kummissjoni ma tistax taqbeż il-75 % tal-ispejjeż totali eliġibbli.

It-tul massimu tal-proġetti huwa ta' 36 xahar.

### 4. L-iskadenza

L-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu lill-Kummissjoni mhux aktar tard mit-**30 ta' Settembru 2011**.

---

[1] COM(2009) 640 finali.

[2] Id-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja.

5. **Aktar Informazzjoni**

It-test sħiħ tas-Sejħa għall-Proposti u l-formoli tal-applikazzjoni huma disponibbli bl-Ingliż fuq din il-websajt:

http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/calls/index_en.html

L-applikazzjonijiet għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stipulati fit-test sħiħ u għandhom jiġu ppreżentati bl-użu tal-formola pprovduta.

---

**Sejħa għall-proposti – MOVE/SUB/01-2011 dwar is-Sikurezza fit-Toroq**

(2011/C 180/16)

Il-Kummissjoni Ewropea qed tippjana li tagħti sussidji li jammontaw, b'mod indikattiv, għal EUR 1 000 000 sabiex tiġi promossa s-sikurezza fit-toroq kif imħabbar fil-Programm ta' Ħidma tal-2011 li hija adottat.

L-informazzjoni dwar din is-sejħa għall-proposti tinsab fis-sit tal-internet tad-Direttorat Ġenerali għall-Mobilità u t-Trasport fl-indirizz li ġej:

http://ec.europa.eu/transport/grants/index_en.htm

---